# Beati u Qaddisin....Gunju

**21 ta' Gunju**
**San Lwigi Conzaga**

San Alwiġi twieled fil-kastell ta' Castiglione qrib Mantova fil-Lombardija, l-Italja, fid-9 ta' Marzu 1568 mill-markiz Ferrante Gonzaga u Marta dei conti Tana di Chieri (Torin). Kien l-ewwel fost seba' ulied u eredi tat-titolu. Ta' eta zghira missieru kien iharrgu fis-sena ta' suldat. Fis-sena 1580, meta kellu 12 il-sena huwa ghamel l-ewwel tqarbina minn idejn San Carlo Borromeo. Meta ghalaq it-tlettax-il sena huwa mar Madrid, gewwa Spanja bhala student u anke pagg tal-Qorti. Hawn qalb it-tfixkil ghall-hajja tar-ruh, dejjem qaghad attent biex jghix bhala "hamiema qalb is-sriep".



Lwigi kien qara fuq il-hidma misssjunarja tal-Gizwiti fl-Indja u din nisslet fih herqa biex isir Gizwita. Minkejja li missieru ma riedux, Lwigi dahal novizz mal-kumpanija ta' Gesu' ta' 19 il-sena meta missieru ceda' ghax-xewqa tieghu. Waqt l-istudju tieghu tal-filosofija, faqqghet il-pesta u l-Gizwiti fethu sptar ghall-morda u kulhadd, mill-General 'l isfel kienu jduru bil-morda. San Lwigi ghamel li seta' izda ntribek mill-marda wkoll. Tlett xhur wara, ikkonfortat mill-Ahhar Sagramenti huwa miet ta' eta tenera ta' 23 sena.